**MINUTI**

## GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 39/06**

L-ERBGHA 25 TA' JANNAR 2012 FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | *5.30PM* |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | *5.30PM* |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | *6.30PM* |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER | *6.00-7.00PM* |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Vakanza għall-Impjegat/a fuq bażi part-time
4. Rapport dwar l-Amministrazzjoni Mill-A/Seg. Eżek.
5. Preparazzjoni għall-Audit
6. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 39/06
7. Rapport Dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri
8. Ħwejjeġ Oħra
9. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i Il-Minuti tas-Seduta 38/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)**

**i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li biss wara ġimgħa xogħol ġejna mwaqqfa milli nkomplu mis-Superintendence of Heritage minħabba li qed jgħidu li kellna navżaw lilhom ukoll. Infatti kellna *Enforcement* ukoll mill-MEPA sabiex jieqaf ix-xogħol. Dawn qed jesiġu li jkun hemm xi ħadd li jissorvelja x-xogħol kollu. Il-Kunsill qiegħed jikkordina mas-Sinj. Bernardette Mercieca tas-Superintendence of Heritage. Is-Sinj. Mercieca ser tibgħatilna lista ta' persuni kwalifikati sabiex jagħmlu din is-sorveljanza. Skond l-istima, il-persuna nkarigata ser titħallas bejn wieħed u ieħor €14.75 fis-siegħa. Sadanittant il-Project Manager għal dan il-Proġett il-Perit Chris Mintoff, ser jipprepara rapport dettaljat u jibgħatu lis-Superintendence flimkien mal-permessi maħruġa mill-MEPA u kopji tal-pjanti tal-lokal. Proġett ERDF

i.i Is-Sindku qal ukoll li saru xi rapporti mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, mad-Dipartiment Gvern Lokali u mal-Partit Laburista fost oħrajn kif ukoll intbgħatet email lil dan il-Kunsill dwar it-tlett siġriet li nqalgħu mill-Playing Field. Intbgħatet tweġiba lil dawk kollha konċernati li dawn is-siġriet inqalgħu bil-permess tal-MEPA u diġa tħawwlu x'imkien ieħor.

i.ii Dwar dan l-istess proġett is-Sindku qal ukoll li t-talba tagħna għall-estensjoni taż-żmien għat-twettieq ta' dan il-proġett ġiet milqugħa mill-PPCD. Filwaqt li t-talba tagħna għal żieda ta' fondi ġiet parzjalment milqugħa. Dan għal fatt li skont il-kalkoli bejn is-savings u bejn l-10 % Contingency ser naslu qrib is-somma li tlabna.

i.iii Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li l-Permess 1494/10 għadu ma nħariġ. Il-Perit Dieter Falzon reġa ssottometta pjanti ġodda għall-approvazzjoni tagħhom u għandu jerġa jiltaqa' magħhom għal aktar kjarifiki.

**ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li li dwar it-tentattiv ta' serq ma smajna xejn iktar. Tentattiv ta' intrużjoni fil-Kunsill

**iii** Dwar id-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Ħal Luqa, is-Sindku qal li talab lill-Perit Chris Mintoff jipprepara stima u pjanta tas-sit propost. Din il-pjanta ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha. Ser nibgħatu l-istima lill-MEPA sabiex napplikaw għall-UIF Funds. Devoluzzjoni ta' Art fi Triq Hal Luqa

**iv** Is-Sindku dwar il-proġett tax-Xelter fi Sqaq Brittaniku Nru 1 nħareġ il-Compliance Certificate. Dwar Sqaq Sta Marija Nru 1 qal li rċevejna ittra uffiċċjali u ħallasna Garanzija Bankarja ta' €3000 pero jidher li għad hemm xi problemi biex jinħareġ il-Compliance Certificate. F'dan il-proġett ukoll irid isir Monitoraġġ mis-Superintendence of Heritage. Sadanittant qed MEPA -Xelter Sqaq Brittaniku Nru 1

nistennew il-go ahead mill-WSC.

**v** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li ilna għal diversi ġimgħat nistennew li Transport Malta toħroġ il-permessi għall-ewwel fażi tat-toroq, din fl-aħħar bgħatet pjanta bit-traffic management, pero irriżulta li t-triq li għaliha nħareġ il-permess, Triq Bir Għeliem kienet diġa' saret mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku ċempel mill-ewwel lill-Thomas Debono, ma' min kien qed jikkorina fi ħdan it-Transport Malta u qallu li l-permess u l-pjanta li nħarġet kienu ħżiena għax ix-xogħol fi Triq Bir Għeliem kien diġa' tlesta żmien ilu. Is-Sindku qal ukoll li rċevejna stima għax-xogħol mingħand il-WSC li jlaħħqu €40,395. Is-Sur Farrugia kompla jispjega li anke kieku stess il-Kunsill kellu l-fondi biex japprova din l-istima, mhux sewwa li din l-Entita' taqbad u tagħzel il-prijoritajiet hi u ma tatix każ il-Kunsill. Kunsilli Lokali oħra kitbu lill-Ministru konċernat u spjegawlu s-sitwazzjoni x'inhi. Resurfacing ta' Toroq-Skema PPP

**vi** Dwar Memo 5/2012 mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali u r-rapport li rċevejna mingħand l-MCAA li f'kull bandli li għandu l-Kunsill hemm xi ħaġa ħażina li trid tinbidel jew tinqala, is-Sindku spjega li l-s-seesaw ta' Ġnien Joanne inbidlet, filwaqt li dwar Misraħ Buleben jidher li hemm kollox ħażin għalhekk inġiebu 3 kwotazzjonijiet sabiex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-kwotazzjonijiet miġbura huma : C & S Services għall-valur ta' €2800, Road Maintenance Services Ltd għall-valur ta' €3450, Gramm Plant Hire għall-valur ta' €3230. Bandli

Is-Sindku ppropona u Keith Darmanin ssekonda li l-aktar offerta vantaġġjuza hija dik ta' C & S Services għall-valur ta' €2800.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**vii** Rigward il-ħatra tas-Seg.Eżekuttiv is-Sindku qal li wara li tkellem mad-Dipt. ġejna nfurmati li għadu għaddej il-proċess biex is-Sur Frans Chircop jinqaleb minn mal-AIRMALTA għal maċ-Ċivil. Hatra Segretarju Ezekuttiv

**viii** Is-Sindku spjega li dwar il-każ tal-Ex Seg. Eżek. s-Sur Maurice L. Mallia għadhom għaddejjin proċeduri l-Qorti. Diga' dehru l-Qorti 3 darbiet. Is-Sindku qal li qed jitob li l-ammissjoni tas-Sur Mallia issir bil-miktub u ż-żewġ każi jibqgħu separati. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera u lil dawk preżenti li sakemm ma jiktbux u jinformaw mod iehor iffisser li mhux qed jaqblu mal-insinwazzjonijiet tal-email. Każ tal-Ex Seg. Ezek.

L-Aġent Seg. Eżek. qal li meta beda jdur il-files tat-Tender, innota li f'xi tenders kien hemm xi żball. Dwar dan il-każ l-Agent Seg. Eżekuttiv pprepara rapport liema rapport ġie moqri waqt din il-laqgħa. Dwar dan ħadna wkoll parir legali u ġie notifikat ukoll id-Dipartiment Gvern Lokali.

Is- Sur Ishmael Dalli attenda fis-6.30pm

**ix** Dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi tal-ERDF għax-xelter, is-Sindku nforma lill-Kunsill li din ma għaddietx. Hu qara l-ittra li rċevejna mingħand il-PPCD. Il-Kunsill xorta waħda ser jibqa' għaddej b'dak maħsub. Is-Sindku qal biex ix-xelter jkun operattiv irid isir tindif totali, tiswijiet fejn meħtieġ sabiex jitwaqqaf l-ilma li dieħel, dawl adekwat u flooring adekwat. ERDF - Xelter

x Is-Sindku qara ittra li rċevejna mid-Direttur Gvern Lokali datata 9 ta' Diċembru 2011 dwar Memo 7/2010 Skema dwar Aċċessibilita' Aħjar fil- MEMO 7/2010 – Accessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet

Lokalitajiet, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord ta' Evalwazzjoni laqa; l-applikazzjoni tagħna. Il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €9900 ladarba x-xogħol ikun lest u jiġi ppreżentati l-invoices, ircevuti fiskali u skeda ta' pagamenti flimkien ma' ritratti. Is-Sindku spjega li hekk kif kien tah l-impressjoni l-Eks Seg. Eżek S-Sur Malli, il-Kunsill ma kienx intitolat għal fondi, pero bżdin l-ittra jidher biċ-ċar li anke hawn l-Eks Seg. Eżek. Kien żbaljat u ddiżgwida lill-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li issa li ser niġbru dawn il-fondi l-Kunsill jista' jippreżenta l-invoices u riċevuti tax-xogħol li diġa tlesta fuq ġewwa u hekk kif ix-xogħol fuq barra jitlesta nippreżentaw dawn wkoll. Fuq barra ser isiru 2 rixtelli u titranġa l-bankina sabiex tkun aċċessibli għal kulħadd.

Claudienne Lanzon telqgħet fis-7.00pm

**xi** Is-Sindku qara żewġ ittri waħda mingħand l-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina bħala ringrazzjament tax-xogħol siewi u kooperazzjoni li dejjem sabu mingħand il-Kunsill. L-ittra l-oħra kienet mingħand Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata dwar xi inkonvenjenzi li jistgħu jiltaqgħu magħhom meta jiġi biex jarmaw għal festa titulari. Ittri mingħand l-Għaqdiet

**xii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija GREENPAK resqet 2 kuntratti għat-tiġdid sabiex jiġu ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Seg. Eżek. Is-Sindku nforma lill-kunsill li qabel ma niffirmaw ser jibgħat għal-Manager tal-GREENPAK sabiex ikellmu u jiftiehem miegħu sabiex anke jerġgħu jitqassmu il-boroż lir-residenti għax tqassmu biss darbtejn minn meta bdejna b'din l-iskema. GREENPAK

## 3 Vakanza Għall-Impjegat/a fuq Bażi Part-time

Vakanza għal-Part-timer

i Is-Sindku spjega lill-Kunsill li kien hemm xi nuqqasijiet minn waħda mill-impjegati tal-Kunsill. Din kienet qed tħalli jakkumula xogħol ta' ħlasijiet ta ċitazzjonijiet u kera tal-Gvern għal ġranet u saħansitra f'ċerta kazi anke ġimgħat b'konsegwenza li n-nies iċemplu anke lilu personali għal irċevuti galiex għadda zmien u baqgħu mingħajr irċevuta. Każ partikolari kien dan l-aħħar meta s-Sinj. C. Mallia ħalliet 53 ċitazzjoni pendenti bil-konsegwenza li, apparti li spiċċat daħlet wara l-ħin s-Sinj. A. Galea biex ma nħallux iżjed lin-nies jċemplu u jistaqsu għall-irċevuti, wħud minn dawn iċ-ċitazzjonijiet kienet għaddiet anke d-data tat-tribunal u peress li ma tlaħqitx tħallset iċ-ċitazzjoni dawn għolitilthom saħansitra l-multa.

Is-Sindku nforma b'dan anke lis-Segretarja tar-Reġjun Xlokk peress li milli jidher kienet taf bin-nuqqas tas-Sinj. Mallia u qatt ma tkellmet.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bgħatt għas-Sinj. C. Mallia u talabha spjegazzjoni dwar dak li ġara. Is-Sinj. Mallia qaltlu li x-xogħol żdiet u ma kienetx qed tlaħħaq. Is-Sinj. Mallia taħdem 20 siegħa fil-ġimgħa mqassmin bejn it-Tnejn u s-Sibt u jkollha ġurnata waħda fil-ġimgħa off. Fil-kuntratt attwali tagħha għal-tlett sninn, hemm indikat ċar li hija trid taħdem skond l-esiġenzi tal-Kunsill. Kien għalhekk li s-Sindku nformaha li kien il-ħsieb tiegħu li jżied il-ħin tagħha u b'hekk hija tibda taħdem kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am u 13:00pm u s-Sibt bejn it-8:00am u nofsinhar.

Is-Sinj. Mallia qaltlu li ma kienetx ser taċċetta dawn il-ħinijiet u saħansitra rrejaġixxiet b'mod pjuttost arroganti.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kkonferma dak kollu li qal s-Sindku għax qal li hu wkoll bgħat għaliha u meta spjegalha l-bżonn tal-Kunsill din kellha l-istess reazzjoni b'żieda li lilu qaltlu li hi kien bi ħsiebha titlaq għax sa' Ottubru kien ser ikollha impjieg ġdid.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kunsill b'mod unanimu qabel li tinħareġ sejħa għall-impjegat/a ġdida fuq bażi part-time ħalli meta u jekk titlaq is-Sinj. Mallia din tilħaq tagħti handover lill-impjegat/a l-ġdida.

Il-Kunsill ser jibgħat jinforma lid-Dipt. Gvern Lokali b'din it-talba.

**4 Rapport Dwar l-Amminstrazzjoni mill-A/ Seg. Eżek.**

i Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill li parti mill-assistenza tiegħu fit-tmexxija tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija li beda jdur file file tat-Tenders. Is-Sur Pace kompla jgħid li fejn hemm ħażin qed jipprova jirranġah u dawk it-tenders li ma ġewx imġedda sena wara sena u li l-garanzija bankarja tagħhom skadiet qiegħed jibgħat għal-kuntratturi u jitlobhom jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom. Nuqqasijiet fit-files tat-Tenders

ii. Is-Sur Paul Pace qara rapport dwar tender partikolari fejn sab xi regolaritijiet mill-Ex. Seg. Eżek. li hu bħala Aġent Seg Eżek. minn-naħa tiegħu ma jistax jħalliha għaddejja u għalhekk nforma lill-Kunsill li jekk jaqblu nitolbu parir legali sabiex jindikalna x'passi għandu jieħu l-Kunsill biex jirrimedja s-sitwazzjoni.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jintalab parir legali.

**5 Preparazzjoni tal-Audit** Audit

Is-Sur Paul Pace nforma lill-Kunsill li l-proċess għall-preparazzjoni tal-Audit miexi u miexi sew. Qed isib kollaborazzjoni sħiħa mingħand l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Ramon Cutajar tal-Kumpanija MAZARS. Is-Sur Pace kompla jgħid li diġa għamel kuntatt mal-Awdituri u konvint li l-Kunsill ser jlesti l-Financial Statements anke qabel id-data stipulata mid-Dipt. Gvern Lokali.

**5 Affarijiet Finanzjarji –** Skeda ta' Pagamenti

**i Skeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 39/06.

**6 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri**

***Rapport tal-Viċi Sindku Frans Agius***

Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li dwar il-laqgħat dwar it-turiżmu organizzati mill-MTA li hu qed jattendi f'isem dan il-Kunsill, qed jissuġġerixxi li parti mit-tour tkun waħda mill-"Four Walks". Qal ukoll li tul din il-"mixja" jkun hemm bżonn li nagħmlu sinjali fejn nimmarkaw l-postijiet msemmija. Ser jinnġiebu

quotations għal dan il-għan.

**ii** Is-Sur Agius qal li għamlet kuntatt miegħu l-għalliema tal-Malti għal Barranin li qed tagħti il-lezzjonijiet fid-Dar tal-Kejka li għandha bżonn Whiteboard u li jiżdied aktar dawl. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jixtri whiteboard u jżid dawl adekwat.

**iii** Is-Sur Agius qal li fir-rigward ta' MEMO 122/2011 "Skema ta' /fianzjament għal Restawr ta'postijeit Storiċi Żgħar, il-Kunsill ser japplika għal dawn il-fondi u l-proġett li ser nidħlu għalih huwa r-restawr tal-istatwa ta' San Pawl li hemm fi Triq il-Kbira u d-Dar ta' CRISPI. L-istima ta' dawn ix-xogħlijiet tlaħħaq il-€5700.

Sid ir-resdenza ma' fejn hemm din l-istatwa mwaħħla mal-faċċata qalet li mhix lesta tagħmel spejjeż għal danir-restawr. Pero min-naħa l-oħra ma ssibx oġġezzjoni jekk il-Kunsill jirrestawraha bi spejjeż tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimanet li japplika għal dawn il-fondi u għalhekk ġiet iffirmata l-applikazzjoni meħtieġa u ser titnbgħat lid-Dipartiment flimkien mad-dokumenti meħtieġa.

**iv** Is-Sur Agius informal ill-Kunsill bi skema li l-Gvern ser iniedi bħala proġett pilota sabiex fil-lokalita' jkun hemm "free supply points" għall-karozzi elettriċi. Il-Kunsill ser jindividwa fejn jistgħu jsiru dawn il-points.

***i Rapport mil-Kunsillier Keith Darmanin***

i.i Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħazagħ inħatar u huwa magħmul minn 5 żgħażagħ. Dawn iż-żgħażagħ attendew għal taħriġ kif ukoll fetħu paġna fuq facebook.

ii Qegħdin jissuġġerixxu li f'April li ġej issir Treasure Hunt fir-raħal.

Il-Kunsill qabel.

iii Il-Kunsillier Keith Darmanin qal wkoll li dawn iż-żgħażagħ qed jissuġġerixxu li japplikaw ngħal-proġett bit-titlu ''Monopoly f'Hal Tarxien''. Għal dan il-proġett għanddhom bżonn €10,000 fejn €7500 japplikaw ġġal fondi mill-Gvern Ċentrali u €2500 l-oħra qed itolu sabiex jingħataw mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din it-talba ma setgħatx tiġi milqugħa. Is-Sur Darmanin ser jinforma b'dan lill-Kunsill taż-Żgħażagħ.

***ii Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli***

ii.i Is-Sur Dalli qal li kellu laqgħa ma' REFAB MALTA dwar riċiklar ta' drapp u fi ħsiebhom li jniedu kampanja ta' edukazzjoni . Kulma qed jitolbu li nipprovdu post ċentrali fejn il-pubboiku jġibu dawn id-drappijiet.

Il-Kunsill qabel ma' din proposta u offra li l-pubbliku jġib kollox fl-uffiċċju tl-Kunsill f'data u ħin stabbilit u miftiehem minn qabel.

***iii Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

iii.i Is-Sinj. Vella ppreżentat Rendikont għal-ħarġa tat-tfal li kellha 17 ta'

Diċembru 2011.

iii.ii Is-Sinj. Vella qalet fi 26 ta' Jannar 2012 ser issir l-attivita' ta' Buffett Breakfast.

***iv Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li fil-31 ta' Jannar ser issir il-ħarġa li jmiss tal-anzjani.

**7 Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

**Kav. Pawlu Farrugia** **KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA**
**A/Seg. Eżek**